**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 29 IT-TLIETA 8 TA' APRIL 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 8 ta' April 2014 fis-6.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina (attenda fis-6.12pm), Ralph Puli (attenda fis-6.13pm), Bjorn Azzopardi (attenda fis-6.15pm), Jason Busuttil, Robert Reno Cremona, Charles Farrugia, Antoine Saliba Haig, Jerome Caruana Cilia (attenda fis-6.17pm), Sean Meli flimkien mal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Tyrone Borg .

Is-S.E. informa li l-Kunsilliera Margaret Mercieca kienet infurmatu bil-miktub li ma kienetx ser tattendi ghal din il-laqgha minhabba impenji ta' xogħol. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bħala valida u għalhekk il-Kunsilliera Mercieca ġiet meqjusa bħala skużata għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**29/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 28**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 28 li nżammet nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sitt** Kunsilliera (06) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 28 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**29/02** **MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**29/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ċ-ċerimoja tal-inawgurazzjoni tal-proġett tal-Heritage Trail li kellha ssir fid-9 ta' April kellha tiġi kkanċellata minħabba li l-Prim Ministru kien indispost minħabba raġunijiet ta' saħħa. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** għandha tiġi infurmata b'data oħra mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**29/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li Gieħ Ħal Qormi ġie ppreżentat lill-Onor. Marie Louise Coleiro fl-uffiċċju tagħha fil-Parlament, ftit minuti qabel ma rriżenjat minn Ministru u Membri Parlamentari. Is-Sindku Rosianne Cutajar stqarret li l-Kunsill xtaq li dan il-premju jiġi ppreżentat f'ċerimonja li kellha ssir apposta, bħalma kien sar proprju meta l-istess unur ingħata lil Dr George Abela qabel ma sar President ta' Malta, iżda l-Onor Marie Louise Coleiro Preca kellha ħafna impenji li ma setax jinstab ħin biex issir din iċ-ċerimonja.

**29/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fir-rigward tal-proġett ta' kontra l-għargħar għandha ssir laqgħa fil-ġranet li ġejjin sabiex jingħata aġġornament. Intant, il-Kunsill ġie mgħarraf li x-xogħlijiet ta' fuq il-pont ta' Triq San Sebastjan se jittardjaw b'ġimgħa minħabba li kellhom jiġu sospiżi l-istess xogħlijiet minħabba ċ-ċerimonja ta' qabel il-ħatra ta' President tar-Repubblika.

**29/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li s-sejħa tal-offerti għar-riabilitazzjoni tal-ġnien fi Triq Alexandra tagħlaq nhar il-Ġimgħa 11 ta' April 2014, liema ftuħ se jkun streamed onlajn.

**29/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fir-rigward tal-impjieg ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13 – back to back), wara li ma kienx hemm applikazzjonijiet interni, l-ETC bagħtet lista' ta' kandidati li se jiġu shortlisted u intervistati mill-Bord tal-Għażla.

**29/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ħal Qormi se jiġi organizzat Coffee Morning fit-22 ta' Mejju 2014.

**29/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MARZU 2014**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Marzu 2014
**b)** *Bank Payments* Marzu 2014.
**c)** *Petty Cash* Marzu 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Sitt** Kunsilliera (6) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**29/04 MOZZJONIJIET**

**29/04/01 MOZZJONI – 101-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Sean Meli jaqra' l-mozzjoni ipprezentata minnu. Il-Kunsillier Sean Meli qara l-mozzjoni:

*"Nipproponi li għal-lejlet il-Festa u nhar il-Festa ta' San Ġorġ u ta' San Sebastjan il-Kunsill jieħu ħsieb li jkun hemm il-preżenza ta' Ambulanza fil-viċinanzi ta' fejn jinħaraq in-Nar, b'dawn il-ħinijiet matul iż-żewġ festi;*

*Is-Sibt - Mis-6.30p.m. sal-12.30a.m. u l-Ħadd - Mis-6.30p.m. u l-10.30p.m. L-ispiza għal dan is-servizz hija ta' € 700.*"

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Sitt** Kunsilliera (6) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 101-2014(VI).

**28/04/02 F'dan l-istadju attendew il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina, il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi, Ralph Puli u Jerome Caruana Cilia.**

**28/04/03 MOZZJONI – 102-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*"Nipproponi li fil-premjazzjoni f' Jum Hal Qormi, li se tkun organizzata mill-Kunsill Lokali nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014, jingħataw dawn l-unuri.''*

**Għarfien il-Ħila 2014**

**Żgħażagħ**

| | |
|---|---|
| Anthea Attard | Miss World Malta |
| Qormi Boys Carnival Company | Zgħażagħ ippartecipaw fil-Karnival ta' Malta 2014 |
| Joshua Borg | Karnival 2014 – L-ewwel kategorija tal-Karrijiet |

**Sports**

| | |
|---|---|
| Victor Sammut | Fl-eta ta' 54 sena għamel l-Iron man fl-Iżvezja |
| Anthony Chircop | President tal-Malta Amateur Athletics Association ghal 20 sena |
| Victor Grech | Champion tal-wiri tal-ħut |

**Arti u Mużika**

| | |
|---|---|
| Morgan Chetcuti | Stunts Man – Ħa sehem f'Films bhal Captain Phillips, Moby Dick, Simshar |
| Karl Luke Schembri | Rebaħ Kompetizzjoni Internazzjonali tal-Kant gewwa r-Russja |
| Mario Debono | Skultur |
| Philip Mizzi | Attur |
| Lino Spiteri | Kittieb |
| Matilde Balzan | Talent fix-Xandir |

**Servizz lill-Komunita' / Kunsill**

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | 20 sena membru tal-Kunsill |
| Karen Camilleri | Eks-Impjegata tal-Kunsill ghal 17-il sena |
| Karmenu Duca | Saċerdot li jaghmel hafna xoghol f'habsijiet fl-Amerka |
| Fr Michael Farrugia | Maħtur bħala delegat tal Papa Frangisku |
| Jane Cassar | Ex-Kap tad-Day Care Centre 1995-2014 |
| Abigail Grech | Qormi Mental Health Centre |

**Sehem fl-għaqdiet lokali**

| | |
|---|---|
| Anna Tabone | Responsabbli miċ-ċentru San Bastjan volontarjament |
| Monica Deguara | Responsabbli miċ-ċentru San Bastjan volontarjament |
| Kor tal-Parrocca S. Gorg Martri | Gheluq 25 mit-twaqqif tieghu |

**Għaqdiet Lokali**

| | |
|---|---|
| Malta Records | Għaqda ġdida u organizzaturi ta' attivita nazzjonali f'Hal Qormi |
| Qormi Drama Pageant Group San Sebastjan | Għaqda teatrali lokali li ilha mwaqqfa ghal sittax il-sena |

**Sehem internazzjonali**

| | |
|---|---|
| Dr Carmelo Brincat | Ambaxxatur ta' Malta għar-Russja |

**Intrapriza**

| | |
|---|---|
| Joseph Galea | Cini Lamb Brand |

**Il-Kunsilliera kollha** ssekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 102-2014 (VI). Il-Kunsill qabel li jinbidel il-premju (il-mudell bit-Tribuna ta' Pinto) li jingħata bħala rikonoxximent ta' Għarfien il-Ħila.**

**29/05 RAPPORTI**

**29/05/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ma kienx hemm rapporti x'jitressqu għad-diskussjoni, iżda fakkar li l-Kunsill qiegħed jistenna l-ittra ta' Direzzjoni mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali.**

**29/06 KORRISPONDENZA**

**29/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'B1-2'**

1. Korrispondenza minn TCTC dwar proposta biex jiġu offruti korsijiet tal-iKids għat-tfal qriema b'xejn, fejn il-Kunsill iħallas Eur1160. Il-Kunsill qabel unanimament bil-kundizzjoni li jekk jinqabeż l-ammont ta' 85 applikant stipulat fil-proposta, il-Kunsill ma jħallasx tal-kumplament tal-applikanti.

2. Korrispondenza mir-Reġjun Nofsinhar dwar servizz tal-*Eco wardens* li beda jingħata fil-lokalita ta' Ħal Qormi proprju fil-ġranet li għaddew.

**29/07 INFORMAZZJONI**

**29/07/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** fakkret lill-kunsill li fil-25 ta' Mejju huwa Jum Hal Qormi u peress li din il-ġurnata se taħbat l-għada tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropej, il-programm tal-attivitajiet se jkun limitat. **Il-Kunsillier Jason Busuttil** ippropona biex għal din is-sena ma jsirx il-marċ mit-tlett baned għar-raġunijiet msemmija hawn fuq, li iżda dan il-marċ isir xorta waħda f'attivita' oħra li jista' jkollu l-Kunsill. Huwa kompla jissuġġerixxi li din is-sena l-attivita' prinċipali tkun ssir fis-sala tal-Kunsill fejn jiġu ppreżentati Għarfien il-Ħila. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Kunsillier Busuttil.

**29/07/02** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** fakkar dwar il-petizzjoni li kienet tressqet rigward proposta biex Triq Marju Pace issir one-way. Il-Kunsill qabel

unanimament li għandu jikkonsulta ma' Transport Malta kif ukoll mar-residenti tal-istess triq.

**29/07/03** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar sabiex il-Kunsill jitlob lill-aħħar rebbieħ ta' Premju Int biex jirritorna l-premju.

**29/07/04** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li fil-laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar ġie deċiż li kull Kunsill fir-Reġjun jingħata Eur2,000 sabiex issir sistema ta' CCTV sabiex jiġi ssorveljat bini jew xi ġnien tal-Kunsill. Huwa ppropona li l-Kunsill japplika għal Ġnien fi Pjazza Alexandra. Is-Sindku Rosianne Cutajar irrimarkat li l-Kunsill għandu jara aktar 'il quddiem fejn din is-sistema tas-CCTV għandha ssir.

**29/07/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** qabel ma aġġornat il-laqgħa infurmat li din kienet l-aħħar waħda tal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Tyrone Borg u li peress li se jagħlaq it-tmintax-il sena. Il-Kunsill approva li l-Ambaxxattur taż-Żgħażagħ li jmiss ikun **Dylan Falzon.**

**29/08** **AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-06:35 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2014.